

Brussell, 30 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14302/1/18
REV 1

SAN 403
PHARM 59

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Sessjonital-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumaturtas-7 ta' Diċembru 2018 Nindirizzaw l-eżitazzjoni għat-tilqim fil-livell tal-UE u dak nazzjonali: Sfidi u possibiltajiet f'dinja diġitalizzata - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota mill-Presidenza bil-ħsieb tal-iskambju pubbliku ta' fehmiet dwar “Nindirizzaw l-eżitazzjoni għat-tilqim fil-livell tal-UE u dak nazzjonali: Sfidi u possibiltajiet f'dinja diġitalizzata” li mistenni jseħħ fis-sessjoni tal-Kunsill (EPSCO) skedata għas-7 ta' Diċembru 2018. Sabiex jiġi strutturat l-iskambju ta' fehmiet, il-Presidenza ħejjiet tliet mistoqsijiet li jinsabu fl-aħħar tat-test.

Nindirizzaw l-eżitazzjoni għat-tilqim fil-livell tal-UE u dak nazzjonali:**Sfidi u possibiltajiet f'dinja diġitalizzata****KUNTEST U SFIDI**

It-tilqim huwa wieħed mill-ikbar kisbiet għas-saħħa pubblika fis-seklu 20 li ffaċilita l-eradikazzjoni globali tal-ġidri kif ukoll l-eliminazzjoni tal-poljo u wassal għal tnaqqis sinifikanti fil-piż ta' mard li qabel kien mifrux ħafna bħad-differite u t-tetnu. Minkejja konsensus xjentifiku wiesa' li t-tilqim huwa waħda mill-għażliet preventivi l-aktar importanti u effettivi disponibbli fil-mediċina moderna, il-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim huwa theddida dejjem akbar għas-saħħa pubblika fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa. Hemm diversi raġunijiet għal din id-disparità bejn l-għarfien teoretiku u l-implimentazzjoni Prattika tiegħu, waħda minnhom hija l-eżitazzjoni għat-tilqim li qed tiżdied. It-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni tal-lum li jippermettu t-tixrid rapidu u faċli ta' kull tip ta' messaggġ, inkluż miżinformazzjoni dwar it-tilqim, jistgħu jwasslu għal ansjetà rigward it-tilqim. Fl-istess ħin, l-iżvilupp rapidu f'dan il-qasam jista' min-naħa l-oħra jikkontribwixxi għat-titjib tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard.

Eżitazzjoni għat-tilqim u fiduċja li qed tonqos

Ideat żbaljati dwar it-tilqim neħħew l-attenzjoni tal-pubbliku mill-benefiċċji tat-tilqim, u tefgħuha fuq in-nuqqas ta' fiduċja fix-xjenza u biża' minn reazzjonijiet avversi potenzjali. Hemm numru ta' fatturi wara din iż-żieda fl-eżitazzjoni, li saħansitra jaf għadhom ma ġewx mifhuma sew. Hekk kif il-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim naqas grazzi għat-tilqim ta' rutina fil-passat, iċ-ċittadini m'għadhomx jipperċepixxu l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim bħala riskju ta' theddida għall-ħajja. Għalhekk mhumie x konxji biżżejjed tar-rwol vitali tat-tilqim biex isalva l-ħajjiet u r-riskji tan-nuqqas ta' tilqim. Fatturi oħra li għandhom rwol jinkludu nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u, f'xi każijiet, nuqqas ta' fiduċja fil-fornituri tal-informazzjoni disponibbli, inqas aċċettazzjoni ta' kwalunkwe riskju potenzjali assoċjat ma' tilqim amministrat lil persuni b'saħħithom (b'mod partikolari tfal), nuqqas ta' fehim tal-benefiċċji individwali tat-tilqim imqabbla ma' daww komunitarji u kontroversji tal-media dwar is-sikurezza tat-tilqim xprunati minn miżinformazzjoni. It-teknoloġiji tal-komunikazzjoni li jippermettu t-tixrid globali rapidu u faċli ta' messaġġi u l-aċċess permanenti għal informazzjoni potenzjalment mhux affidabbli permezz tal-internet ipprovdew ħafna pjattaformi ġodda li jħaffu t-tixrid ta' ansjetà u miżinformazzjoni dwar it-tilqim. F'għadd ta' Stati Membri tal-UE, gruppi kontra t-tilqim, meġġuna mill-media soċjali u dik tradizzjonali, qed jiġbdu l-attenzjoni u bdew jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika u l-politika.

Rapport ippubblikat reċentement dwar l-istat tal-fiduċja fit-tilqim fl-UE¹ jindika li għalkemm il-maġġoranza ta' iċ-ċittadini fl-UE għadhom jemmnu fl-importanza, l-effikaċja u s-sigurtà tat-tilqim, il-fiduċja fit-tilqim fir-reġjun Ewropew tad-WHO hija inqas minn dik f'reġjuni oħra u numru ta' pajjiżi ffaċċaw kriżijiet ta' fiduċja importanti matul l-aħħar 20 sena li jistgħu jispjegaw parzjalment it-tifqigħ devastanti tal-ħosba f'xi Stati Membri tal-UE.

¹ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/vaccination/docs/2018_vaccine_confidence_en.pdf

Effetti tal-kopertura insuffiċjenti tat-tilqim

Il-kopertura totali tat-tilqim tvarja sew fost l-Istati Membri tal-UE, u ħafna minnhom jaqgħu taħt il-mira ta' kopertura ta' 95 % li hija meħtieġa biex tiġi żgurata l-immunità kollettiva għall-ħosba.

Bħala eżempju prominenti, sitt pajjiżi tal-UE u ż-ŻEE biss kisbu kopertura tat-tilqim ta' mill-inqas 95 % għaż-żewġ dożi tat-tilqim li fih il-ħosba fl-2017².

Għadd ta' Stati Membri tal-UE u pajjiżi ġirien għalhekk bħalissa qed jiffaċċaw tifqigħat mingħajr preċedent ta' mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim. Fl-2017 biss, fl-UE aktar minn 14,000 persuna qabditom il-ħosba - iktar minn tliet darbiet in-numru rappurtat fl-2016. Fl-aħħar sentejn, mietu aktar minn 57 persuna bil-ħosba u tnejn bid-difterite. L-Ewropa mhix qiegħda telimina l-ħosba f'konformità mal-miri miftiehma tad-WHO.

Effett ieħor tal-kopertura insuffiċjenti tat-tilqim huwa li qed jippersisti r-riskju li jidħol mill-ġdid il-vajrus tal-poljo fl-UE, u dan ipogħi l-istatus tal-Unjoni mingħajr poljo f'riskju.

Hemm madwar 33,000 każ ta' kanċer ċervikali li jinstabu kull sena u madwar 15,000 mewt minn din il-forma ta' kanċer fl-UE kull sena³. Il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' kanċer ċervikali huma kkawżati minn infezzjonijiet bil-vajrus tal-papilloma uman (HPV)⁴. L-għadd tal-infezzjonijiet HPV jistgħu jitnaqqsu drammatikament bit-tilqim kontra l-HPV.^{5,6}

² <https://ecdc.europa.eu/en/publications-data/vaccination-coverage-second-doses-measles-containing-vaccine-country-eueea-2017>

³ <https://ecdc.europa.eu/en/human-papillomavirus/factsheet>

⁴ <https://www.scirp.org/journal/PaperInformation.aspx?paperID=84214>

⁵ <http://www.euro.who.int/en/health-topics/disease-prevention/vaccines-and-immunization/news/news/2018/10/hpv-vaccination-protecting-girls-now-from-cervical-cancer-in-their-future>

⁶ <https://www.uptodate.com/contents/human-papillomavirus-vaccination>

L-INDIRIZZAR TAL-OSTAKLI EWLENIN U L-FAĊILITATURI GĦALL-KOPERTURA EFFETTIVA TAT-TILQIM

Bħala l-ewwel pass biex jiġu indirizzati r-rati baxxi ta' kopertura tat-tilqim huwa kruċjali li wieħed jifhem il-mekkaniżmi li jwasslu għal rata baxxa ta' tilqim fl-Ewropa.

Skont rapport ippubblikat reċentement dwar l-organizzazzjoni u l-forniment tas-servizzi ta' tilqim fl-UE⁷, l-Istati Membri jirrapportaw li l-eżitazzjoni għat-tilqim huwa wieħed mill-ostakli ewlenin għall-kopertura effettiva tat-tilqim kontra l-ħosba u għall-implimentazzjoni effettiva ta' programmi ta' tilqim fit-tfulija. Ostakli oħra rrapportati għall-kopertura effettiva tat-tilqim kontra l-ħosba huma nuqqas li jintlaħqu gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, nuqqas ta' għarfien fil-popolazzjoni b'mod ġenerali, taħriġ insuffiċjenti jew eżitazzjoni għat-tilqim fost professjonisti tas-saħħa, l-organizzazzjoni, il-forniment u l-finanzjament tas-servizzi ta' tilqim, nuqqas fuq terminu qasir ta' tilqimiet, u nuqqas ta' reġistri elettroniċi nazzjonali u internazzjonali tat-tilqim. Xi kontromiżuri msemmija fir-rapport huma l-inklużjoni tat-tilqim kontra l-ħosba f'servizzi tas-saħħa ffinanzjati pubblikament, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u l-użu ta' sistema ta' monitoraġġ li tissorvelja t-tilqim.

Fir-rigward tat-tilqim kontra l-influwenza għall-adulti, l-ostakli ewlenin għal kopertura effettiva tat-tilqim irrappurtata mill-Istati Membri jinkludu nuqqas ta' sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni ġenerali, bin-nies mhux konxji tal-konsegwenzi potenzjalment serji ta' infezzjoni, u l-kwistjoni relatata ta' eżitazzjoni għat-tilqim / movimenti kontra t-tilqim kif ukoll ħlasijiet mill-but. Faċilitatur għall-kopertura effettiva tat-tilqim kontra l-influwenza rrapportat mill-Istati Membri huwa kampanji tal-media biex titqajjem kuxjenza fil-popolazzjoni ġenerali u fost il-ħaddiema tas-saħħa.⁷

⁷ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/vaccination/docs/2018_vaccine_services_en.pdf

Fatturi ewlenin li jinfluwenzaw il-livell ta' tilqim identifikati minn rapport ippubblikat reċentement minn bord ta' esperti dwar modi effettivi ta' investiment fis-saħħa⁸ jinkludu mil-lat pożittiv l-aċċess għal informazzjoni affidabbli dwar it-tilqim, l-esponiment għal messaġġi pożittivi fil-media, il-bini tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet u l-fornituri, u l-bini tal-fiduċja fit-tilqim, u mil-lat negattiv l-esponiment għax-xnigħat u l-ideat li jdgħajfu l-fiduċja fit-tilqim u n-nuqqas minn xi fornituri tal-kura tas-saħħa li jikkumbattu dawn l-ideat u jipprovdu parir infurmat b'evidenza.

Wieħed mill-fatturi li bħalissa qed jibdel u jinfluwenza l-kura tas-saħħa b'mod ġenerali u għaldaqstant jaffettwa wkoll is-settur tat-tilqim huwa d-diġitalizzazzjoni li għaddejja fis-settur tal-kura tas-saħħa. Għall-qasam tat-tilqim, waħda mill-kisbiet ewlenin tad-diġitalizzazzjoni hija l-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni elettronika dwar l-immunizzazzjoni (IIS), li ġew implimentati minn tmien Stati Membri fuq bażi nazzjonali u ħafna oħrajn fuq livell subnazzjonali sal-aħħar tal-2016⁹. Dawk is-sistemi għandhom potenzjal għoli fit-titjib tal-provvista tat-tilqim għall-pubbliku billi jottimizzaw il-kwalità tad-data dwar ir-rati ta' kopertura u jgħinu biex jiġu identifikati lakuni fit-tilqim u gruppi ta' popolazzjoni li mhumiex moqdija biżżejjed. Jistgħu wkoll itejbu r-rati ta' kopertura tat-tilqim billi joffru faċilitajiet addizzjonali bħal sistemi ta' tfakkir. Madankollu l-użu tagħhom jindika wkoll oqsma ġodda ta' interessi konfliġġenti u jrendi neċessarji konsiderazzjonijiet ulterjuri f'oqsma bħall-protezzjoni tad-data u d-drittijiet individwali, l-etika u l-komparabilità tas-sistemi.

⁸ https://ec.europa.eu/health/expert_panel/sites/expertpanel/files/020_vaccinationpgms_en.pdf

⁹ <https://ecdc.europa.eu/sites/portal/files/documents/immunisation-systems.pdf>

KWISTJONIJIET U SUĠĠETTI GĦAD-DISKUSSJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Studju reċenti¹⁰ juri li l-eżitazzjoni għat-tilqim naqset f'ċerti pajjiżi Ewropej iżda żdiedet f'oħrajn. It-tifqigħa kurrenti tal-ħosba fl-Ewropa turi li l-eżitazzjoni għat-tilqim li tista' twassal għal rata baxxa ta' kopertura tat-tilqim hija theddida transfruntiera importanti għas-saħħa fl-Ewropa. X'inhuma r-raġunijiet għall-varjazzjonijiet fl-eżitazzjoni għat-tilqim bejn l-Istati Membri u kif jistgħu jiġu indirizzati? Liema sforzi huma meħtieġa biex tiġi miġġielda b'mod sistematiku l-eżitazzjoni tat-tilqim u r-rati baxxi ta' kopertura tat-tilqim fl-Unjoni Ewropea sabiex din it-theddida transfruntiera għas-saħħa tiġi eliminata? Hemm xi prassi tajba li għenet lill-Istat Membru tiegħek iżid il-kopertura tat-tilqim? Tista' ssemmi eżempju ta' miżura li rnexxiet li tista' tiġi implimentata fi Stati Membri oħra?
2. It-tixrid rapidu tal-messaġġi u l-aċċess faċli għall-informazzjoni permezz tal-internet jipprovdi pjattaforma għall-attivisti kontra t-tilqim u jagħmilha aktar u aktar diffiċli biex il-pubbliku ġenerali jidentifika sorsi affidabbli ta' informazzjoni rigward it-tilqim. Kif jistgħu l-Istati Membri joħolqu l-aqwa sinerġija biex jiġġieldu l-miżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz dwar it-tilqim fil-media u speċjalment fuq l-Internet?
3. Id-diġitalizzazzjoni li għaddejja qed toħloq bidliet fis-setturi kollha tas-sistemi tal-kura tas-saħħa. Liema benefiċċji u sfidi ser iġġib id-diġitalizzazzjoni fil-qasam tat-tilqim u kif tista' tgħin biex ittejjeb ir-rati ta' kopertura tat-tilqim?

¹⁰ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/vaccination/docs/2018_vaccine_confidence_en.pdf